# TLIET FRAMMENTI



## A. IT-TITULAR L-ANTIK TA' SANT'ANDRIJA
### (TILA KWADRA 117ċm X 117ċm)

L-ewwel knisja ddedikata lil Sant'Andrija f'Ħal Luqa nbient bejn l-1539 u l-1542. Meta Mons. Dusina żar ir-raħal waqt Vista Pastorali fl-1575 sabha mingħajr kwadru titulari u għalhekk ordna li titqiegħed xbieha tal-qaddis padrun. Għaldaqstant nistgħu nikkonkludu li l-kwadru sar xi ftit żmien wara; ċertament kien f'postu fl-1600 għax jissemma f'waħda mill-Visti Pastorali ta' l-Isqof Gargallo. Min-naħa l-oħra nafu fiċ-ċert li tpitter minn ċertu Filippu Dingli minn Ħ'Attard.

Dan il-kwadru, li llum jinsab imdendel fis-sagristija, fih tliet figuri: Marija Assunta fin-nofs, Sant'Andrija fuq ix-xellug u San Pawl fuq il-lemin. Deskrizzjoni preċiża tiegħu tinsab fir-rapport tal-Vista Pastorali li għamel l-Isqof Balaguer fl-1636 meta Ħal Luqa kienet diġà saret parroċċa. F'dan id-dokument naqraw li l-kwadru kien mgħotti b'biċċa drapp biex tilqa' t-trab waqt il-bini tal-knisja l-ġdida.

Il-kwadru, kampjun interessanti ta' arti indiġena u popolari, hu eżempju ta' dik li fit-terminoloġija artistika tissejjaħ "Sacra Conversazione" (Taħdita Qaddisa) – rappreżentazzjoni tal-Verġni Mbierka mdawra b'għadd ta' qaddisin fi spazju pittoriku unit, mehdija f'xi sura ta' djalogu. (Kemm il-kwadru tar-Rużarju kif ukoll il-Kwadru taċ-Ċintura huma eżempji aktar elaborati ta' dan li qed ngħid).

Dan il-ġeneru ta' pittura oriġina fl-Italja fl-ewwel nofs tas-seklu 15. L-ewwel eżempju ddatat hu t-Titular ta' Barbadori mpitter minn Lippo Lippi għall-ħabta ta' l-1437 u li llum jinsab fil-Mużew tal-Louvre f'Pariġi.

Mil-lat ikonografiku, fil-kwadru Ħalluqi tispikka l-madorla tad-dawl li tgeżwer ix-xbieha tal-Madonna. Din l-awreola forma ta' lewża tirrappreżenta l-glorja tal-figura qaddisa.

## B. ŻEWĠ PANEWIJIET QODMA TA' SAN NIKOLA U SAN TUMAS

Bejn tmiem is-seklu 15 u l-ewwel nofs tas-seklu 17 f'Malta u Għawdex inbnew għadd ġmielu ta' knejjes u kappelli li ħolqu domanda kbira għall-ikoni jew

kwadri titulari. Ħafna minnhom ma kenux għajr il-prodott ta' dilettanti mill-irħula. Oħrajn kienu impurtati mill-Italja jew forsi kkummissjonati mingħand pitturi Sqallin u Taljani tan-Nofs in-Nhar li kienu jżuru Malta minn żmien għal żmien. Fil-kampanja Maltija dan it-tip ta' xogħol baqa' sejjer sas-seklu 17.

## (i) Il-Kwadru ta' San Nikola (Pittura fuq l-injam, 39 X 92 ċm)

Il-panew bix-xbieha ta' San Nikola li llum jinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali kien il-parti ċentrali ta' trittiku li kien inġieb mill-knisja medjevali ddedikata lill-istess qaddis, mibnija ftit metri 'l bogħod mill-Knisja Parrokkjali.

Wara l-Vista Pastorali ta' l-Isqof Cagliares fl-1615, il-knisja beda jieħu ħsiebha ċertu Duminku Bonnici. Ġabar il-flus, irranġaha u aktarx ukoll ikkummissjona dan it-trittiku. Il-pittura tissemma l-ewwel darba fl-1634 fir-rapport tal-Vista Pastorali tal-Vigarju Kapitulari Pontremoli, fejn naqraw li l-figuri laterali kienu ta' San Pawl u San Pietru li b'xorti ħażina ntilfu. (Konna nistgħu nqabbluhom ma' l-istess qaddisin tat-trittiku tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fil-Parroċċa taż-Żurrieq).

San Nikola jidher bilqiegħda fuq tron skulturat liebes il-ħwejjeġ u l-mitra ta' Isqof. Qed jerfa' idu l-leminija b'sinjal ta' barka filwaqt li f'idu x-xellugija qed iżomm bastun u ktieb tal-Vanġelju. Fuq rasu, qalb is-sħab, jidher il-Missier Etern ibierek lill-qaddis.

Mix-xbieha elongata tal-figura u s-sura tat-tron l-istoriku ta' l-arti Mario Buhagiar jikkonkudi li l-kwadru sar lejn il-bidu tas-seklu 17. Minkejja din id-data aktarx tardiva, l-artist anonimu uża t-teknika qadima tat-tempera u enfazizza l-burdura tal-figura bl-iswed hekk li tidher tinqata' 'l barra mill-isfond.

## (ii) Il-Kwadru ta' San Tumas (Pittura fuq l-injam, 56 X 90 ċm)

Fis-sagristija wkoll insibu panew ieħor impitter bit-tempra li jirrappreżenta lil San Tumas. Fis-seklu sittax dan kien il-kwadru titulari tal-knisja oħra ddedikata lill-istess qaddis fit-triq li tagħti għal Ħal Farruġ, eżattament fejn illum hemm iċ-ċimiterju ċkejken ta' San Tumas. Din il-knisja twaqqgħet fl-1656 iżda b'xorti tajba l-pittura ġiet ippreservata u tabilħaqq għadha f'kundizzjoni tajba.

L-ewwel ma tissemma fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Cagliares fl-1615 fejn diġà hi deskritta bħala pittura qadima. Bħall-kwadru ta' San Nikola tidher li ġiet irrestawrata filwaqt li partijiet minnha żgur li tpittru mill-ġdid.

Il-qaddis jidher wieqaf f'pożizzjoni aktarx riġida. F'idu x-xellugija għandu ktieb magħluq filwaqt li f'idu l-leminija qed iżomm l-emblema tiegħu – l-iskwerra tal-bennejja li tista' tissuġġerixxi li r-raħal diġà kien hawn għadd

ġmielu ta' nies tas-sengħa. Fl-isfond naraw veduta: fuq il-lemin siġra mdaqqsa tgħatti għolja fil-bogħod, fuq ix-xellug tidher knisja medjevali li aktarx hi riproduzzjoni fidila ta' l-istess knisja tal-qaddis.

Mid-dettalji arkitettoniċi tal-knisja u l-aspetti stilitiċi tal-kwadru, Mario Buhagiar jikkonkludi li l-kwadru sar lejn tmiem is-seklu 16. Għalhekk din hi aktarx l-eqdem pittura li għandna r-raħal.

Kemm San Nikola kif ukoll San Tumas kienu meqjuma ħafna fil-knisja tal-lvant u aktarx juru l-influenza reliġjuża li baqgħet f'Malta minn żmien il-Biżantini.

NOTA: *It-temprea kienet xorta ta' żebgħa tradizzjonali magħmula minn ingredjenti varji bħall-isfar tal-bajd, għamla speċjali ta' kolla u sugu mis-siġar tat-tin li kienet tintuża minn ħafna pitturi Taljani fis-seklu 14 u 15 kemm għall-affreski kif ukoll għall-pittura fuq l-injam. Aktar tard ħaditilha postha ż-żebgħa taż-żejt.*

## Ċ. IL-KWADRU TA' L-AGUNIJA: EKU TA' GUIDO RENI

Skond dokument li jinsab fl-Arkivju tal-Kurja, il-Belt, il-kwadru fil-kappellun ta' l-Agunija tqiegħed bejn l-1723 u l-1729 aktarx fiż-żmien il-kappillan Dun Marju Mikiel Mifsud. Mhux biss ma nafux is-sena preċiża iżda lanqas biss nafu l-isem tal-pittur. Kulma nistgħu ngħidu hu li dan il-kwadru jixbah ħafna lil xogħol famuż ta' Guido Reni: "Il Crocifisso con la Madonna, la Maddalena e San Giovanni" magħruf ukoll bħala "Il Crocifisso dei Cappuccini" li jinsab fil-Pinakoteka Nazionale ta' Bologna. Skond l-istoriku ta' l-arti Edi Baccheschi, din il-kompożizzjoni ta' l-1616 serviet ta' prototip għal għadd kbir ta' kruċifissjonijiet mis-seklu 17 sal-lum. Il-kwadru Ħalluqi jidwi l-istess ikonografija (eż: il-Maddalena għarkobbtejha tħaddan is-salib, San Ġwann bilwieqfa bil-pali ta' jdejh f'xulxin, eċċ) u m'hemmx dubju li l-awtur tiegħu kien familjari sew mat-tila ta' Reni.

Guido Reni (1575-1642) kien pittur Bolonjiż li tħarreġ fl-Akkademja ta' l-aħwa Caracci. Għal xi żmien kien influenzat mill-iskola barokka ta' Caravaggio iżda aktar tard Raffaello u l-ideali klassiċi saru l-għajn ewlenija ta' l-ispirazzjoni tiegħu. Minkejja li r-repetizzjoni tiegħu tbandlet qatigħ matul iż-żmenijiet, illum ma fadlilniex dubju li kien wieħed mill-ġganti tal-pittura Taljana tul is-seklu 17.

Fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti tal-Belt hemm kwadru tar-Redentur iħaddan is-salib li ħafna kritiċi jattribwixxu lil Guido Reni. Din il-pittura qabel

kienet imdendla fil-Palazz Maġisterjali tal-Granmastri iżda ma jfissirx li Reni seta' ġie Malta. Il-kruċifissjoni li semmejna qabel u dan ir-Redentur huma fost l-aktar opri kkuppjati fir-repertorju tiegħu. Ma' dawn nistgħu nżidu wkoll il-wiċċ doloruż ta' Kristu nkurunat bix-xewk u dak ta' San Mikiel Arkanġlu jisħaq ras ix-xitan li jinsab fil-Knisja ta' Santa Maria della Concezione (Chiesa dei Cappuccini) f'Ruma. Reni pitter din it-tila għall-ħabta ta' l-1635 u l-popolarità tagħha xterrdet malajr bis-saħħa ta' inċiżjoni li saret sena wara.

Saħansitra f'Ħal Luqa għandna kopja ta' dan ix-xogħol li jinsab imdendel fis-sagristija tal-knisja. Kien tpitter minn T. Busuttil u tħallas mill-familja Palmier (skond kif jixhed l-iskud fir-rokna t'isfel fuq ix-xellug tal-kwadru). Dan kien tqiegħed fil-kappellun ta' San Mikiel sakemm il-Prof. Oscar Testa kien qiegħed jirrestawra u jkabbar l-ieħor ta' Giuseppe Calì wara l-gwerra.

**Mario Cassar**

Riferenzi:
Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha (Dun Ġużepp Micallef, Malta, 1975)
"Some Late Medieval and Early Modern Panel Paintings in Malta" (Mario Buhagiar, *Melita Historica*, Vol VIII, Nº 3, Malta, 1982)
The Concise Oxford Dictionary of Art and Artists (ed. Ian Chivers, Oxford University Press, 1990)
The Thames and Hudson Dictionary of Art Terms (Edward Lucie-Smith, Thames & Hudson, London, 1984)
L'Opera Completa di Guido Reni (Edi Baccheschi, *Classici dell'Arte*, Rizzoli, Milano, 1971)

Bar & Restaurant
BELMAR ARMIER BAY, TEL: 573084
*open all year round*
Bar & Restaurant Facilities
English, Continental & Local Dishes
B'B'Q and Parties
Snacks also available
Coffee Mornings & Afternoon Tea
Beach & Water Sports Facilities
Pedal Boats – Waterskiing – Canoes – Beach Shop
Windshields – Umbrellas – Deckchairs
Trips Round Bays with Speedboat